MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 253/2010

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**Vs**

**Aaron Haroun**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ipprezentat mis-socjeta' attrici fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-erbatax ta' Lulju, 2010, fejn talbet lil din il-Qorti tikundanna lill-konvenut ihallasha is-somma ta' sitt elef u sitta w ghoxrin Euro w tnejn u sebghin centezmu (€6,026.72) bilanc ghad-debitu fil-" *Loan Account"* tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok A1 sa A2) flimkien mal-imghax ulterjuri mit-18 ta' Gunju 2010 sal-jum tal-pagament effettiv.

U dan wara li jigi dikjarat illi l-konvenut Aaron Haroun naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' attrici kif stipulat fl-iskrittura tal-15 ta' Marzu 2007 (Dok. B) u kien

inadempimient f'obbligi ohra minnu assunti u/jew hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu w l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 10 ta' Gunju 2009 (Dok C) u tal-Mandat ta' Sekwestru kontra l-konvenut li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat id-dokumenti kollha esebiti mar-rikors promotur.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat bir-rikros promotur, naqas li jipprezenta r-risposta tieghu.

Semghet lill-konvenut jixhed minn jeddu nhar l-10 ta' Novembru 2010. Dan spjega illi huwa verament ghandu jaghti somma flus lis-socjeta' attrici w appuntu dik is-somma msemmija fir-rikors promotur, pero' spjega li huwa kien gie mkecci mix-xoghol tieghu u m'ghandux mezzi finanzjarji sabiex ihallas dan il-kreditu tieghu. Qal li huwa pprezenta kawza quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili kontra l-Gvern ta' Malta dwar it-tkeccija tieghu, u din tinsab *sub judice* quddiem l-Imhallef Joseph R. Micallef u tinsab differita ghas-sentenza ghal Frar 2011.

Qal li huwa m'ghandux introjtu w ghalhekk jinsab fl-impossibilita' li jaghmel il-pagamenti dovuti minnu. Jghid li huwa ghandu proprjeta' li qed jipprova jbiegh, pero' mhux qed jigi moghti l-prezz rejali w gust taghha, w ghalhekk ghadu ma bieghhiex.

Ghaldaqstant din il-Qorti rat li huwa minnu li l-konvenut naqas li jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' attrici kif stipulat fl-iskrittura tal-15 ta' Marzu 2007 esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok B, u dan peress illi kien hemm bdil fic-cirkostanzi tal-istes konvenut li pperikolaw u affettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

**Ghaldaqstant din il-Qorti ssib li t-talba tas-socjeta' attrici hija gustifikata w timmerita li tigi konfermata. Konsegwentement qieghda tilqa' t-talba attrici, b'dan illi qed tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma msemmija fir-rikors promotur fl-ammont ta' sitt elef u sitta u ghoxrin Euro w tnejn u sebghin centesmu (€6,026.72) .**

**L-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali tal-10 ta' Gunju 2009 u tal-mandat ta' sekwestru kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------